MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 602/2009

**Nicholas Vella magħruf bl-isem u kunjom Nicholas Vella Laurenti**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-19 ta' Ġunju 2009 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

1. Illi r-rikorrent twieled nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebgħin (1978) u fl-Att tat-Twelid tiegħu li jġib in-numru disa' mija u ħamsa u tletin (935) tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebgħin (1978) jinsab reġistrat bl-isem u kunjom "Nicholas Vella" (Ara Dok A);

2. Illi missier ir-rikorrenti kien żied il-kunjom matern, u ċjoe' "Laurenti" mal-kunjom patern "Vella" kif jidher aħjar mill-estratt tal-passaport tal-istess missier ir-rikorrenti markat Dok K u anness ma' dan ir-rikors u konsegwentement ir-rikorrenti dejjem uża għalih il-kunjom ta' "Vella Laurenti", u l-familja tiegħu kif ukoll ħbiebu konsistentement sejħulu bl-isem u kunjom "Nicholas Vella Laurenti" u mhux bl-isem u kunjom "Nicholas Vella";

3. Illi dan l-istat ta' fatt qiegħed jikkaġuna nkonvenjent u preġudizzju lir-rikorrent, kif ukoll diversi problemi u kumplikazzjonijiet fil-ħajja privata u kwotidjana tiegħu kif jista' jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

4. U illi l-Artikolu 253 (2) u (3) tal-Kapitolu 16 tal-Kodiċi Ċivili, jagħti d-dritt lir-rikorrenti jagħmel talba lill-Qorti għar-reġistrazzjoni tal-isem u tal-kunjom li konsistentement kien legalment imsejjaħ bihom;

Għaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrent jitlob bir-rispett kollu illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-isem u l-kunjom "Nicholas Vella Laurenti" u mhux dak ta' "Nicholas Vella" huwa l-isem u l-kunjom li r-rikorrenti minn dejjem uża għalih innifsu u li kien minn dejjem u konsistentement magħruf bih sal-lum;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrent għandu tiġi msejjaħ "Nicholas Vella Laurenti";

3. Tordna li l-kunjom "Vella" kull fejn jidher fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent numru 935/78, jiġi mibdul ma' l-kunjom "Vella Laurenti " u dan għandu jiġi rifless f'kull att tal-Istat Ċivili relattiv;

Bl-ispejjeż, kollha kontra l-intimat li huwa nġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ppreżentata fit-13 ta’ Ottubru ta’ 2009, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok qabel is-smigħ tal-kawża, b’ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Illi subordinarjament dwar it-talbiet tar-rikorrenti l-esponent umilment jirrileva liema jirriżultax mid-dikjarazzjonijiet maħlufa tar-rikorrenti u mid-dokumenti u mill-affidavits li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data ta’ reġistrazzjoni kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni jsegwi li l-ebda korrezzjoni, tiswija jew żieda ta’ kunjom ieħor ma tista’ tiġi effetwata lill-imsemmija atti ta’ l-istat ċivili skond id-dettami tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta (ara b’eżemplari s-sentenza **“Giovanni Galea et vs Direttur Reġistru Pubbliku”** – Prim’Awla – 27 ta’ Ġunju 2001)

3. Illi bla preġudizzju għal fuq espost it-tielet talba tar-rikorrenti hija wkoll insostenibbli *stante* li l-Att tat-Twelid oriġinali ta’ Nicholas Vella bin-numru progressiv 935/1978 ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju tal-ebda colonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jista’ jiġi nserit il-kunjom tat-tarbija. B’żieda ma’ dan ir-rikorrenti lanqas ma jista’ jippretendi li l-fl-att tat-twelid tiegħu wra kunjom missieru Richard u wara l-kunjom ta’ nannuh Guido li fil-każ tat-tnejn li huma jidher li huwa “Vella” biss jintalab issa li jiżdied wara “Vella” il-kunjom “Laurenti” u dan għaliex *semmai* talba għal annotazzjoni f’dan is-sens tispetta lilhom personalment *ossia* lil Richard u lil Guido u żgur mhux lir-rikorrenti;

4. Illi dejjem bla preġudizzju għas-surreferit, it-tielet talba tar-rikorrenti nkwantu tirreferi għal atti tal-istat ċivili oħra apparti l-att tat-twelid numru 935/1978 hija insostenibbli *ai termini* tal-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta *stante* li r-rikorrenti kellu jispeċifika n-numru u s-sena relattivi tal-atti tal-istat ċivili li għalihom qed jagħmel riferenza;

5. Illi finalment dejjem bla ħsara għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Diċembru 2010 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawża hija msejsa fuq l-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi rimedju għal persuna li tirriskontra żball fl-att tat-twelid tagħha kif ukoll biex persuna titlob reġistrazzjoni ta' isem li bih tkun magħrufa għall-familja tagħha.

Illi f'din il-kawża huwa ċar li l-attur qed jagħmel it-talba tiegħu a bażi tal-Artikolu 253 (2) minkejja li ma hemm ebda żball *ut sic* fl-att tat-twelid tiegħu. Fil-fatt fl-istess rikors promotur huwa jgħid illi missieru kien żied il-kunjom ta' ommu (Laurenti) ma dak tiegħu u huwa dejjem kien magħruf b'dan il-kunjom – Vella Laurenti. Id-dokumenti esebiti minnu ma jħallu ebda dubju dwar dan.

Illi madankollu l-konvenut qed jeċċepixxi li mid-dokumenti esebiti ma jirriżultax li kien hemm xi żball jew omissjoni fl-att tat-twelid tal-attur, li l-att tat-twelid ma jipprovdi ebda spazju biex jiġi ndikat kunjom it-tarbija li *semmai* t-talba li qed jagħmel tispetta lil missieru u mhux lilu; għalhekk dan il-kunjom ma jista' qatt ikun parti minn kunjom l-attur.

Illi l-Qorti jidhrilha li l-eċċezzjonijiet imsemmija għandhom piż notevoli u riċentement kellha okkażjoni tikkummenta fuq żewġ każi simili bl-istess okkju, ossija **"Mercieca vs Direttur"** tar-Reġistru Pubbliku (deċizi fis-26 t' Jannar 2010. Il-Qorti dakinhar ikummentat illi:

*"Madankollu l-Qorti fuq l-iskorta ta' sentenza pjuttost riċenti (16 ta' Dicembru 2003) tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***"Damian Damian-Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"*** *ma tħossx li tista' taderixxi għat-talbiet attriċi.*

*L-ewwelnett sewwa josserva l-konvenut illi l-att tat-twelid ma jipprovdi mkien kolonna fejn jitniżżel kunjom it-tarbija għas-sempliċi raġuni illi t-tarbija tieħu kunjom missierha jew ommha skond il-każ. Għalhekk l-attur ma jistax jagħmel it-talba li qed jagħmel għaliex effettivament ikun qed ibiddel* **kunjom missieru**. Kif osservat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza msemmija, l-Artikolu 253(2) jirreferi għall-**isem** (u mhux kunjomu) l-attur u mhux kunjomu għas-sempliċi raġuni li *ċ-ċertifikat tat-twelid ta' persuna ma jagħtix il-kunjom ta' dik il-persuna, iżda għal dak li huwa kunjom, jagħti l-kunjom ta' missier u ta' omm dik il-persuna. Huwa biss l-isem (Christian name) li jiġi mogħti speċifikatament lill-persuna li għaliha jirreferi ċ-ċertifikat li jkun, ... U huwa proprju għax iċ-ċertifikat tat-tweild ma jattribwix 'kunjom' lit-tifel – it-tifel sempliċiment jassumi l-kunjom ta' missieru (li miegħu illum jista' jżid kunjom ommu) li r-riferenza għall-isem fis-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 253 hija neċessarjament referenza għall-prenom u mhux għall-kunjom jew family name."*

Illi huwa minnu li kien każi fejn il-Qorti (fuq talba tal-attur jew attriċi) awtorizzat <u>annotazzjoni fil-marġini tal-att tat-twelid</u>; madankollu f'din il-kawża l-attur <u>m'għamel ebda talba simili</u> u f'kull każ bejn il-kunjom miżjud u l-persuna li qed tagħmel it-talba jrid ikun hemm ness; per eżempju jkun kunjom omm l-attur (*vide* s-sentenza **"John Zammit *sive* Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku"**, Qorti tal-Appell deċiża fit-2 ta' Marzu 1994). Din il-kawza ġiet intavolata qabel l-emendi fil-Kodiċi Ċivili li ppermettew persuna żżid kunjom ommha wkoll. Fil-kawża odjerna huwa minnu li l-attur qed jgħid illi Laurenti huwa kunjom

omm missieru iżda anke hawn naqas li jipprovdi dokumentazzjoni fir-rigward.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut (*eccetto* l-ewwel waħda) u tiċħad it-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------